V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10647 – HOYA / BOE Vision / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 157/07)

1. Fl-4 ta' April 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— HOYA Corporation ("HOYA", il-Ġappun),

— Beijing BOE Vision Electronic Technology Co., Ltd. ("BOE Vision", ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ikkontrollata minn BOE Technology Group Co., Ltd (ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina),

— HOYA BOE Microelectronics China Ltd, kumpanija ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, "JV", ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina), ikkontrollata bi sħab minn HOYA u BOE Vision.

HOYA u BOE Vision se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati u l-impriża bi sħab li għadha kif ġiet stabbilita huma dawn li ġejjin:

— HOYA: riċerka u żvilupp, manifattura u bejgħ ta' prodotti elettroniċi, inklużi fotomask inbjank, fotomasks u sottostrati tal-ħġieġ għal diski riġidi,

— BOE Vision: il-manifattura u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-iskrins tal-kristalli likwidi, it-trasferiment tat-teknoloġija, il-konsultazzjoni teknika u s-servizzi tekniċi għat-televiżjoni bil-kristalli likwidi, it-televiżjoni u prodotti u sistemi oħra finali,

— il-JV: il-produzzjoni u l-bejgħ ta' photomasks għall-użu fil-produzzjoni ta' displays b'pannelli ċatti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2], jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10647 – HOYA / BOE Vision / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË